Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10870 - CAPVEST / NATRA)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 329/04)

1. Fit-22 ta' Awwissu 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— CapVest LLP ("CapVest", ir-Renju Unit)

— Natra S.A.U. ("Natra", Spanja)

CapVest se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Natra.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— CapVest hija ditta ta' ekwità privata ta' nofs is-suq iffukata primarjament fuq l-identifikazzjoni u l-ġestjoni ta' investimenti fl-industriji tal-kura tas-saħħa, il-prodotti mhux dewwiema tal-konsumaturi, it-teknoloġija tal-informazzjoni, il-manifattura, it-telekomunikazzjoni/il-midja/it-teknoloġija, u x-xjenzi tal-ħajja, l-aktar fl-Ewropa u fl-Amerka ta' Fuq. CapVest tikkontrolla l-kumpaniji Lakeview u Second Nature, żewġ fornituri ta' dežerti u snacks;

— Natra hija kumpanija li tipproduċi u tqassam iċ-ċikkulata u l-ingredjenti tal-kawkaw madwar id-dinja kollha.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10870 – CAPVEST / NATRA

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË